MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 55/1999/1

George Gatt u Joseph Schembri,
fil-kwalita' ta' President u Segretarju
ta' l-Għaqda Piroteknika
Fontana Brothers Fireworks
U għan-nom ta' l-istess .

vs

Ir-Reverendu Kappillan Dun Gorg Bezzina
Bħala rapprezentant tal-Parrocca tal-Fontana,
Għawdex .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi nomine talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex, previa d-dikjarazzjoni li l-oġġetti li jirriżultaw fl-elenku hawn anness bħala Dokument "A" jappartjenu lill-Għaqda attriċi, tiġi kkundannat sabiex fi

żmien qasir u perentorju li jiġi lilek prefiss minn din l-Onorabbli Qorti inti tikkonsenja l-istess oġġetti .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri interpellatorji spediti fit-22 ta' Frar1999, 8 ta' Marzu 1999 u fis-17 ta' Mejju 1999 u tal-ittra uffiċċjali mibgħuta f'Marzu 1999 .

Bir-riserva ta' kull azzjoni għad-danni li jispetta lill-atturi nomine skond il-liġi .

Bl-inġunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi :

1. Illi l-pretensjonijiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u t-talba tagħhom nomine għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi nomine .

2. Illi l-oġġetti li l-atturi nomine qegħdin jitolbu li jieħdu mingħand il-parroċċa ma jappartjenux lill-Għaqda li f'isimha qegħdin jaġixxu iżda jappartjenu lill-Parroċċa tal-Fontana li fl-interess tagħha l-istess armar inħadem u sar bi flus li ġew miġbura minn fost il-parroċċani ;

3. Illi meta nħadem u sar l-armar in kwistjoni, s-soċjeta' attriċi ma kenitx teżisti ;

4. Illi kwalunkwe armar tat-toroq, anke dak mixtri bil-flus miġbura mill-kumitat responsabbli mill-festa esterna, li minnu l-atturi fil-kwalita' tagħhom proprja setgħu kienu jiffurmaw parti meta sar u nħadem l-armar in kwistjoni, huwa meqjus li huwa proprjeta' tal-parroċċa u li sar fl-interess tal-istess parrocca ;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawża tittratta talba sabiex jiġu ritornati lill-atturi nomine, bħala rappreżentanti ta' l-"Għaqda Piroteknika Fontana Brothers Fireworks" , l-oġġetti kollha elenkati fid-dokument "A" anness ma' l-Avviż , li huma jippretendu li jappartjenu lilhom .

Il-konvenut nomine qed jikkontesta din it-talba, l-ewwelnett għax ma jirrikonoxxi l-ebda għaqda b'dak l-isem, u mbagħad għax isostni illi l-oġġetti mitluba jappartjenu lill-Knisja Parrokkjali tat-Triq ta' l-Għajn .

Mill-provi miġbura rriżulta illi fis-sena 1988 l-attur Joseph Schembri kien ipparteċipa fuq livell personali f'kompetizzjoni għat-tiżjin ta' toroq fl-okkażżjoni tal-Milied, permezz ta' *festoons* u armar ieħor tal-*luce elettrica* [1] . Fis-sena sussegwenti l-istess attur xtaq jerġa' jarma' bid-dawl fl-okkażżjoni tal-festi tal-25 sena mill-Indipendenza . Imma billi din kienet biċċa xogħol akbar, ħajjar diversi dilettanti sabiex jidħlu miegħu f'dan l-inkarigu . Għal dan il-għan twaqqfet għaqda ġdida li ngħatat l-isem indikat fl-Avviż preżenti , u ġie miftiehem illi din tibda tieħu ordnijiet ta' dan it-tip u xogħol ieħor konness mal-logħob tan-nar . Il-membri ta' din l-għaqda kellhom jikkontribwixxu personalment b'self ta' flus u apparat tagħhom ħalli din l-għaqda tkun tista' tibda tiffunzjona . Infatti l-attur Schembri kien biegħ l-armar tiegħu tal-Milied lill-għaqda . In segwitu ġie miftiehem mal-kappillan preċedenti tal-parroċċa tat-Triq ta' l-Għajn, illi l-armar li kienet timmanufattura din l-għaqda jiġi maħżun fi kmamar formanti parti miċ-Ċentru Parrokkjali, u b'kumpens il-Knisja tar-raħal tkun tista' tagħmel użu minnu għall-festa tagħha, bil-kundizzjoni pero' illi l-manutenzjoni tiegħu ssir regolarment a spejjeż ta' l-istess knisja [2] .

---

[1] Ara ritratt a fol. 53 tal-proċess u kopja ta' l-istess ritratt f'paġna ta' gażżetta lokali tat-23. 12. 1988 a fol. 54 .
[2] ara affidavit ta' Joseph Schembri a fol. 9 – 16 .

Din l-ispjegazzjoni ta' l-attur Schembri dwar kif l-armar oġġett tal-kawża preżenti spiċċa fl-imħazen taċ-ċentru Parrokkjali, ġiet ikkorroborata mill-istess ex-Kappillan ir-Rev. Dun Gwann Cini. Infatti huwa spjega fl-affidavit tiegħu u fid-depożizzjoni *viva voce* fil-kawża, [3] illi għalkemm l-attur Schembri u oħrajn mir-raħal ma kienux jifformaw parti mill-kumitat tal-festa, li kien kompost biss minn tliet membri, u ċioe' Manwel Schembri, Toni Farrugia u l-Monsinjur Giuseppi Bajada, dawn kienu jagħtu daqqa t'id u joffru s-servizzi u l-armar tagħhom għas-suċċess tal-festa . Infatti in kontro-eżami jgħid kategorikament illi : "*Ix-xogħol ta' din l-għaqda kienet illi tieħu ħsieb il-festi esterni, billi jużaw l-armar eżistenti . Pero' il-festuni illi hemm kwistjoni fuqhom jappartjenu lilhom . Ma nafx liema huma dawn il-festuni, pero' naf illi ntużaw fil-main road (ċjoe' Triq tal-Għajn) u jidhirli ukoll Triq l-Isptar San Giljan . Jidhirli illi iżżanżnu fl-aħħar sena illi fiha kont Kappillan jiena*."[4]

Il-konvenut Rev. Kappillan Dun Gorg Bezzina baqa' sa l-aħħar jiċħad l-eżistenza ta' din l-għaqda jew ta' l-inqas illi huwa ġie infurmat biha meta laħaq bħala l-kappillan il-ġdid tat-triq ta' l-Għajn, f'April 1991 . Għalih il-festa tar-raħal kienet tiġi organiżżata biss mill-kumitat tal-festa, li tiegħu l-attur Schembri u oħrajn illi qed jgħidu li huma membri ta' l-għaqda Fontana Brothers, kienu wkoll jiffurmaw parti . Lilu ħadd qatt ma qallu, qabel ma nqalgħet il-kwistjoni preżenti, illi dak li kienu qed jagħmlu, kien qed isir f'isem xi għaqda indipendenti u separata mill-Kumitat tal-festa . Fil-fehma tiegħu, l-iktar li setgħet kienet din l-għaqda, bħal speċi ta' sotto kumitat jew sotto kummisjoni, biex tieħu ħsieb aspetti partikolari tal-festa bħat-tiżjin tad-dawl u l-logħob tan-nar . Huwa rrifjuta illi jikkonsenja l-oġġetti mitluba lill-atturi għax ir-regolamenti tal-Kurja maħruġa fit-2 ta' Marzu 1983 kienu jistipulaw illi l-armar kollu li jkun mixtri mill-kumitat tal-festa jkun proprjeta' tal-knisja li magħha hija konnessa l-festa u għandhom jinżammu

[3] ara affidavit tiegħu a fol. 21 - 22, u xhieda viva - voce a fol.18 - 20, 24 – 3 0, 36 - 40
[4] ara para. 4 a fol. 38 .

f'lokali tal-knisja[5] . Infatti kien sejjaħ laqgħa apposta għall-parroċċjani sabiex jiġi deċiż jekk dan l-armar għandux jiġi ritornat lill-atturi, u kulħadd qabel illi dak kien jappartjeni lill-knisja għax kien ġie mixtri mill-flus li kienu jinġabru għall-festa[6] .

In sostenn tal-verżjoni tiegħu l-konvenut esebixxa parti minn gażżetta lokali fejn Dun Gwann Cini kien kiteb apprezzament fuq l-imsemmi Manwel Schembri, wieħed mill-membri tal-kumitat tal-festa fi żmienu li kien għadu kemm miet, u jfaħħru għax-xogħol kbir li kien jagħmel fl-organiżazzjoni tal-festa tul ħafna snin, u partikolarment fir-rigward tal-"*listi u festuni kollha tad-dawl tal-festa*." [7]

Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tiegħu, l-konvenut fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, jargumenta illi a tenur tal-liġi, soċjeta' ċivili tispiċċa meta jiġi terminat il-għan li għalih tkun twaqqfet.[8] Huwa jargumenta illi ġialadarba tlesta x-xogħol ta' armar għall-festa ta' l-Indipendenza tal-1989, ma kienx għad baqa' skop għall-għaqda u għalhekk din spiċċat . Imma kif jirriżulta mill-kopja tal-ftehim li kien sar bejn il-membri ta' din l-għaqda fl-okkażjoni tat-twaqqif tagħha, l-għan tagħha ma kienx limitat għal dik il-festa partikolari, imma : " … *biex isir xogħol ta' nar u xogħol ieħor konness ma' festi lokali*." [9] Terġa ma tantx hija verosimili l-allegazjoni tal-konvenut illi huwa ma kienx jaf bl-eżistenza ta' din l-għaqda, meta kien jittratta ma' uħud mill-membri tagħha li kienu wkoll fil-kumitat tal-festa . Dan għaliex kien hu stess illi kiteb messaġġ fuq ktejjeb li kienet ħarġet din l-għaqda fl-okkażjoni tal-festa tas-sena 1997.[10] Hekk ukoll il-konvenut nomine stess kien indirettament għen lill-membri ta' din l-għaqda meta tkellem f'isimhom mal-Ministru ta' Għawdex dwar permessi li dawn kellhom pendenti għall-kamra tan-nar, ħaġa li żgur il-kumitat tal-festa ma kellu xejn x'jaqsam magħha. M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalhekk għal din it-tielet eċċezzjoni .

---

[5] ara kopja tar-regolamenti relattivi a fol. 76 - 77, u partikolarment il-para.15 .
[6] ara xhieda tal-konvenut a fol. 68 - 74, 79 - 97, 101 - 115 .
[7] Dok . GB 1 a fol. 116 .
[8] art. 1679 (b) tal-Kap. 16 .
[9] ara skrittura esebita bħala Dok . XX1 a fol 151 .
[10] Dok . X1 a fol. 99 u partikolarment il-pagna tlieta ta' dan il-ktejjeb .

Minn eżami tal-provi kollha prodotti, jidher illi hemm indikazzjonijiet konvinċenti biżżejjed illi l-oġġetti elenkati fid-Dokument "A" anness ma' l-Avviż tassew jappartjenu lill-atturi nomine, u dan għas-segwenti raġunijiet :

1. l-istqarrija ta' Dun Gwann Cini, il-Kappillan preċedenti li kien jaf *di proprio* min ħadem dan l-armar u x'ġie miftiehem dwaru, hija kategorika biżżejjed ;

2. l-ammissjoni tal-konvenut nomine fid-depożizzjoni tiegħu, illi, minkejja li kien ħareġ avviż li tqassam fid-djar kollha tal-parroċċa fejn stqarr li l-atturi nomine riedu jieħdu armar li kien jappartjeni lill-knisja,[11] huwa ried ifisser proprjament li l-manutenzjoni tiegħu saret a spejjeż tal-parroċċa; [12] (dan pero' huwa spjegabbli bil-ftehim milħuq mal-kappilan preċedenti, u ċioe' li l-għaqda kienet lesta li tħalli l-knisja tuża l-armar tagħha, basta li l-manutenzjoni tkun a karigu tagħha) ;

3. hekk ukoll l-istess konvenut baqa' qatt ma ressaq ebda xhud minn dawk fost il-parroċċjani li attendew il-laqgħa li saret a tenur ta' dak l-avviż, biex isostni illi tassew kien ħadem fil-manufattura ta' dak l-armar ;

4. l-apprezzament li kien għamel fil-gażżetti Dun Gwann Cini dwar Manwel Schembri, huwa spjegabbli bil-fatt illi l-knisja kellha armar ieħor tagħha, u partikolarment dak li kien jintuża fi Triq il-Kappillan Hili, illi ma kienx ġie manufatturat mill-atturi nomine, u li lanqas kien qed jiġi pretiż minnhom ;

5. ir-regolamenti tal-Kurja li kienu jgħidu illi l-armar tat-toroq, anke dak mixtri bi flus tal-kumitat tal-festa, jappartjeni lill-knisja marbuta ma' dik il-festa, ma impedewx lill-konvenut nomine milli jagħmel konsenja f'żewġ okkażżjonijiet separati ta' armar ieħor relatat mal-ġiġġifogu li rreklamaw ukoll l-atturi nomine ;

---

[11] Dok . 12 a fol. 66 .
[12] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 112 .

6. ir-rendikonti għat-tmien snin li rrefera għalihom il-konvenut nomine fl-avviż li kien bagħat lill-parroċċjani meta nqalgħet din il-kwistjoni, jikkonfermaw illi tassew ma kien ġie manufatturat ebda armar f'dak il-perijodu, għax ma nħarġu ebda spejjeż għal dan il-ghan; [13]

7. id-disinn u kwalita' ta' ħafna minn dan l-armar, jindika illi iżjed kellu konnessjoni ma' dekorazzjoni tal-Milied milli mal-festa parrokkjali [14] . Dan ifisser illi l-armar reklamat kien jinkudi dak li kien ħadem l-attur Schembri proprio fil-Milied tal-1988, li ċertament ma kienx tal-parroċċa u lanqas qatt ġie kommissjonat minnha .

Minn dan kollu jirriżulta għalhekk illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati u jimmeritaw konferma .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attriċi : u

1. tiddikjara li l-oġġetti li jirriżultaw fl-elenku anness ma' l-Avviż bħala dokument "A" jappartjenu lill-"Għaqda Piroteknika Fontana Brothers Fireworks", kif rappreżentata mill-atturi nomine ; u

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex fi żmien xahar jikkonsenja l-istess oġġetti lill-atturi nomine .

Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut nomine .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] ara kopji relattivi a fol. 55 – 63 .

[14] ara ritratt 1 a fol. 52, 53 u deskrizzjoni ta' l-oggetti fl-elenku Dok . A anness ma' l-Avviz .